Fit-Tribunal Industrijali

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol bejn
John Bonavia
u
Group 4 Services Malta Ltd
dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hija ngusta
kaz Numru 1766

Decizjoni Numru – 1659

Illum, 20 ta' Jannar, 2006.

Chairman: Avv Dr Joseph P. Bonnici LL.D.

Introduzzjoni:

Illi b'talba prezentata fid-9 ta' Mejju 2003 l-appellant talab lil dan it-Tribunal sabiex jittratta l-kaz tieghu dwar allegata tkeccija ingusta mis-socjeta intimata.

Dikjarazzjoni:

Illi l-appellant kellu bzonn jaghmel operazzjoni u l-konvalexxenzi tieghu hadet fit-tul aktar milli aspettata. Hareg fuq sick leave w ezawrixxa d-dovut tieghu ta' leave. Peress li ma lahaqx fieq kompletament, ma setax jidhol lura ghax-xoghol mill-ewwel kif rikjest mill-kumpanija.

Da parti taghha, is-socjeta intimatà tallega li l-impjegat taghha kien hallieha totalment fid-dlam dwar ir-rekuperu tieghu. Halliet f'idejh biex izommha nfurmata dwar l-istat

mediku tieghu. Meta ezawrixxa l-allokazzjoni tieghu ta' sick leave, kitiblu biex jirritorna izda ma marx. In vista ta' dan, itterminat l-impjieg tal-appellant.

Konsiderazzjonijiet:

Illi l-lament tal-appellant jikkoncerna l-fatt li s-socjeta intimata mxiet mieghu diversament minn ma' haddiema ohra. Dawn di fatti xehdu u kkonfermaw dak allegat mill-istess appellant. Dak li huwa preokkupanti u allarmanti f'dan il-kaz huwa n-nuqqas reciproka tal-partijiet li jikkomunikaw ma xulxin perjodikament. Jigi ribadit li l-appellant kien fuq astensjoni minn fuq ix-xoghol ghal ragunijiet ta' sahha. Kellu bzonn intervent kirurgiku u kien necessarju certu perjodu pjuttost twil ta' rikoveru. Semplicement biex jintbaghat ic-certifikat mediku u ssir telefonata. Huwa rinomat li Malta huwa pajjiz zghir – minn Zabbar sa Gwardamangia jew vici-versa zgur li ma hemm'x boghod u transport huwa facli ghaz-zewg nahat. Possibbli li l-ebda parti ma gietha f'mohha li zzur lil parti l-ohra ? Dana qed jinghad ghaz-zewg nahat. Meta ghalaq iz-zmien tas-sick leave, possibli l-appellant ma setax jagixxi mod iehor? Possibli s-socjeta intimata ma setghetx tagixxi mod iehor aktar milli tibghat semplici ittra fejn tinforma lill-appellant li l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat. Pero' bil-proviso extra li jekk ikun jrid seta jerga japplika u jinghata prijorita! Piu' di cosi! Jew tkecca jew is-socjeta intimata kellha bzonnu. Mela ghalfejn itterminatlu l-impjieg?

F'dan ir-rigward, issir referenza ghal kwistjoni tax-xoghol numru 1738 fl-ismijiet "Carmen Attard vs Paradise Bay Hotel Co Limited" deciza fit-30 ta' Lulju 2004. Ic-cirkostanzi f'dak il-kaz kienu simili ghal dak vigenti. Pero' n-nuqqas tal-

appellant odjern huwa lampanti daqs dak tas-socjeta intimata.

Illi t-Tribunal jirrileva illi bi ftit komprensjoni da parti tas-socjeta intimata, u bi ftit aktar interess da parti tal-appellant il-partijiet ma kienux jaslu f'din is-sitwazzjoni. L-appellant zamm lura filwaqt li s-socjeta intimata ghagglet wisq.

Illi huwa f'dan il-kuntest li d-decizjoni tal-istess socjeta intimata ma kenitx wahda gusta. Pero kien l-istess appellant li kkontribwixxa ukoll ghall-agir tas-socjeta intimata. Ir-rispett ghandhu jkun reciproku it-tnejn bzonn xulxin. Dan in-nuqqas da parti tal-appellant se jigi rifless fl-ammont ta' kumpens li ghandhu jinghata.

<u>Konkluzjoni</u>:

Illi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi li t-tkeccija mill-impjieg ma kenitx wahda gusta, pero' in vista tal-kontribuzzjoni tal-appellant kif suespost l-fuq is-somma pagabbli ghandha tkun ta' sebgha mija u hamsin lira Maltin (Lm750).

B'hekk din il-pendenza giet definitivament terminata.

Drittijiet pagabbli lil konsulenti industrijali ghandhom ikun fl-ammont ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20).

Chairman

Vera kopja
Vincent Micallef
SEGRETARJU